MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 49/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi s-socjeta’ attrici topera hardware store fi Triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex.

Illi l-konvenuta xtrat minghand is-socjeta’ attrici kwantita’ ta’ madum ta’ l-art li ghalihom ghadu dovut il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm331.43).

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi u minkejja diversi promessi ta’ hlas, il-konvenuta baqghet ma ghamel ebda pagament fuq dan l-ammont.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici qed titlob bil-qima li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont imsemmi flimkien ma’ l-imghax b’effett mit-3 ta’ Gunju 2004 sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjes tal-ittra

interpellatorja datata 7 ta’ Frar 2005 u l-ispejje ta’ dawn il-proceduri.”

Ra l-kapitoliipprezentati mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezenatti l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu ;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jishoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa’ ta-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM331.43 ammont dovut ghal kwantita ta’ madum lilu mibjugh u kkunsinnat mis-socjeta’ attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta’ Frar 2005 bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------